**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2019**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 682/2012/1**

**Josef Borg**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-6 ta' Lulju 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti ghandu negozju ta' Car rentals u chauffeur driven cars, u jahdem taht it-trading name Freeways.

2. Illi fil-bidu tas-sena 2009, l-esponenti kien ircieva ittra minghand l-Awtorita intimata, liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. JB1, fejn l-Awtorita infurmatu illi sabiex l-vettura tal-ghamla tail lift, li l-esponenti kien importa mill-Ingilterra ghal garr ta' persuni b'dizabbilta, tigi irregistrata mal-istess Awtorita, kellha tissoddisfa u cioe l-esponenti kellu jottempera ruhu mat-tliet kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ittra.

3. Illi l-esponenti ghamel dak kollu mitlub mill-Awtorita intimata, u sahansitra nefaq eluf ta' euro izda meta mar biex jirregistra l-vann, fl-1 ta' April 2009, u cioe hamest ijiem qabel ma inghalaq iz-zmien ghar-registrazzjoni tal-istess vettura, l-iskrivan tal-Awtorita intimata, dak iz-zmien l-ADT, qallu li "dawn issa ghalqu."

4. Illi l-esponenti, tramite l-Avukat sottoskritt, kien baghat ittra wara ittra lill-Awtorita intimata, izda ghal sitt xhur shah l-Awtorita lanqas biss indenjat ruhha tirrispondi

ghall-ilmenti serji tal-esponenti. Illi l-ittri imsemmija qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. JB2 sa JB4.

5. Illi fil-25 ta' Awwissu tas-sena 2009, l-Executive Chairman tal-ADT, dak iz-zmien Simon Vella, baghat ittra lill-Avukat sottskritt fejn ha konjizzjoni tal-problema ghall-ewwel darba u ppropona laqgha mal-esponenti. Illi din il-laqgha saret izda l-posizzjoni tal-Awtorita kienet illi "idejna marbutin u ma nistghu naghmlu xejn".

6. Illi wara l-imsemmija laqa' l-esponenti kien bghatt zewg emails tramite l-Avukat sottoskritt, kif ukoll ittra, hawn annessi u mmarkati Dok. JB5, JB6 u JB7 rispettivament, izda l-Awtorita ghal darba ohra, baqghet inadempjenti, tant illi lanqas biss irrispondiet l-istess emails u l-ittra.

7. Illi wara sentejn jistennew ghal hrug tal-imsemmi permess, l-Awtorita donna rega' bdielha u hin bla waqt harget il-permess u cioe hallietu jirregistra l-vettura tal-ghamla "tail lift", li l-esponenti kien ilu jistenniha sentejn shah.

8. Illi peress illi l-esponenti kien dam sentejn minghajr l-imsemmi permess, nonostante illi kien ottempora ruhu mal-ittra tas-6 ta' Marzu 2009 (Dok. JB1 anness), tilef eluf ta' euro, minhabba l-agir abbuzziv u illegali tal-istess Awtorita intimata, li wara li kitbet ittra lilu u gharfitu bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ittra, qabdet u ddecidiet, abbuzivament, illegalment u b'diskriminazzjoni kontra l-esponenti, illi z-zmien li kien inghata f'dik l-ittra tas-6 ta' Marzu, inghalaq qabel il-hin stipulat.

9. Illi bhala konsegwenza tad-dewmien abbuziv u illegali da parti tal-Awtorita tat-Trasport Malta, l-esponenti tilef 'il fuq minn erbghin euro (€40,000) ta' xoghol kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Illi fid-9 ta' Awwissu 2011, l-esponenti pprezenta ittra ufficjali kontra l-Awtorita intimata, sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu sofferti, (liema ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. JB8), izda ghal darba ohra, l-Awtorita intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-Awtorita intimata responsabbli ghad-danni reali, u cioe telf ta' profitti, li soffra r-rikorrenti minhabba d-dewmien abbuziv u illegali da parti taghha u dana ai termini tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghandha timponi.

2. Tillikwida l-imsemmi danni favur l-esponenti, bl-ghajnuna ta' espert tekniku jekk ikun il-kaz

3. Tordna l-Awtorita intimata thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

U dana taht dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha li ghandha timponi jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Awwissu tas-sena 2012.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita konvenuta li tghid hekk:

1. Illi l-allegazzjonijiet, il-pretenzjonijiet u t-talbiet kollha tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi d-decizjonijiet li ttiehdu mill-Awtorita esponenti kienu in segwitu tad-drittijiet u l-obbligi taghha skont il-ligi, kif ukoll ittiehdu bi prudenza u diligenza li titlob il-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici ma jreggghux u ghandhom jigu rnichuda bl-ispejjez.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur kellu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji ohra legali opportuni izda erronjament ghazel li ma juzufruwix ruhu minnhom u ghalhekk l-azzjoni odjerna la hija valida u wisq anqas l-azzjoni korretta u opportuna; u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula a bazi tal-artikolu 469A cioe stharrig gudizjarju ta' eghmil amministrattiv. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti. L-attur kien importa vann bit-tail lift ghal garr ta' persuni b'dizabilita. Fis-6 ta' Marzu tal-2009 irceva ittra minghand l-Awtorita fejn infurmatu li seta jirregistra l-vettura mal-Awtorita b'kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ittra li l-attur kellu jottempera ruhu maghhom. Tali registrazzjoni kienet miftuha sa xahar mill-imsemmija ittra. Hu jsostni li nonostante li ottempera ruhu mal-kunidzzjonijiet meta mar jirregistra l-vann fl-1 ta' April 2009 gie infurmat li z-zmien tar-registrazzjoni kien inghalaq. L-attur isostni li l-agir tal-Awtorita bl-gheluq tar-registrazzjoni qabel iz-zmien kien abusiv, illegali u diskriminatorju. Din is-sitwazzjoni ipperdurat ghal sentejn meta bla ebda raguni ghal kambjament ta' hsieb l-Awtorita infurmatu li seta' jirregistra l-vann. Hu jallega li dan l-agir ikkagunalu dannu minn nuqqas li juza l-vettura ghal garr ta' persuni ghal sentejn shah.

L-Awtorita irrispondiet li l-agir taghha kien dettat mid-drittijiet u obbligi taghha skont il-ligi u agixxiet bi prudenza u diligenza.

In tema legali hu pertinenti dak li qalet il-Qorti fil-kawza **Jonah Caruana et vs Kummissarju tal-Artijiet et**, (PA 14/01/2016) fejn intqal hekk:

> Illi f'kazijiet ta' stharrig gudizzjarju l-Qorti ma tidholx fil-mertu tad-decizjoni li tkun haddnet xi awtorita' pubblika, sakemm decizjoni bhal dik ma tittehidx b'mod lil hinn ('ultra vires') mis-setghat moghtija lil dik l-Awtorita' li tkun ezercitat l-ghazla jew jekk l-ghazla tkun saret bi ksur ta' xi wiehed mill-principji ta' haqq naturali jew inkella ttiehdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti jew kontra l-ligi. Fi kliem l-awturi f'dan ilqasam: "As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice" (O.Hood Phillips & P Jackson, "O.Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law", (7th Edit, 1987), f'pg. 661);
>
> Illi madanakollu, meta l-Qorti tintalab biex tistharreg eghmil amministrativ trid tara li dak l-eghmil ikun twettaq sewwa. B'dan wiehed jifhem li (a) leghmil ikun sar taht jew bis-sahha ta' ligi, (b) minn persuna jew awtorita' li tkun inghatatilha dik is-setgha bil-ligi, u (c) li hi u twettaq tali setgha dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tuzahiex hazin jew ghal ghanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgha jgib mieghu l-uzu ta' diskrezzjoni, il-ligi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'harsien tar-regoli ta' gustizzja naturali [P.A. 26.3.2009 fil-kawza fl-ismijiet Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet (mhix appellata)];
>
> Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistharreg eghmil amministrativ, hija tista' u ghandha tgharbel kif l-awtorita' pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni taghha u ta' xiex tkun hadet kunsiderazzjoni f'dak l-ezercizzju (P.A. GV 5.10.2001 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Attard vs Enemalta Corporation), izda l-Qorti ma ghandha qatt tissostitwixxi b'taghha ddiskrezzjoni li hija bil-ligi mhollija f'idejn dik l-awtorita' (P.A. PS 28.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija). U ghalhekk, sakemm dan l-ezercizzju jibqa' wiehed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindahalx dwar jekk id-decizjoni jew l-eghmil imwettaq ikunx wiehed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment ragonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setghat moghtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess eghmil (App. Civ. 11.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et u App. Civ. 5.4.2013 fil-kawza fl-ismijiet Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati et fost ohrajn);

Applikati dawn il-principji ghal kaz hi rilevanti hafna fil-fehma tal-Qorti x-xiehda ta' Vincent Micallef Pule, dak iz-zmien direttur fl-Awtorita li spjega li r-registrazzjoni ta' tail lift vans kienet wahda antika u l-policy f'dak iz-zmien kienet tesigi li dawn ikunu godda ghal fini ta' registrazzjoni. Mal-bidla fl-amministrazzjoni fl-2008 beda jsir

riorganizazzjoni tal-policies tal-Awtorita fosthom it-tail lift vans fejn kien maghruf li kien hawn numru ta' operaturi li kellhom vans antiki impurtati minn barra. Ghalhekk il-Ministru kien ta direzzjoni fi Frar 2009 biex ikunu jistghu jigu registrati vans li ma jkunux qodma aktar minn 12-il sena. L-Awtorita kienet konsapevoli li kien hemm disa' operaturi. L-Awtorita kitbet lil dawn l-operaturi fosthom l-attur fis-6 ta' Marzu 2009 u inghataw sa zmien xahar biex ikunu jistghu jirregistraw il-vans taghhom. L-attur intalab li jigi spezjonat il-van tieghu fit-13 ta' Marzu 2009. Sal-10 ta' Marzu kienu gia irregistraw il-vans ta' tlett operaturi u fit-12 ta' Marzu kienu spezzjonaw il-van tal-attur. Ma gietx registrata dakinhar ghax kellu xi modifiki li riedu jsiru fil-vann. Fit-18 ta' Marzu 2009 l-Awtorita irceviet direzzjoni mic-chairman biex jigu frizati l-applikazzjonijiet pendenti minhabba li kienu ser jinhargu xi policies godda, li meta inhargu kienu jesigu li l-vans ikunu godda. L-attur baqa' jqajjem il-kwistjoni sakemm fl-2011 kien hemm kwistjoni fuq vann iehor ta' terz li tqajmet quddiem l-Ombudsman u minhabba d-decizjoni tal-Ombudsman dan il-vann gie registrat. Ghalhekk biex ikun hemm 'fairness' ma' kulhadd l-Awtorita iddecidiet li tirregistra l-van tal-attur ukoll.

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-attur fil-perjodu bejn is-6 ta' Marzu 2009 u 6 ta' April 2009 l-attur kien lahaq irratifika n-nuqqasijiet biex jirregistra l-vann, ix-xhud irrisponda fl-affirmattiv u zied li l-ispezzjoni finali tal-vann kienet saret fit-28 ta' Marzu 2011.

Mid-dokumenti esebiti jidher illi fis-6 ta' Marzu 2009 l-Awtorita kitbet lil attur u offrietlu li jirregistra l-vann tail lift sa zmien xahar minn dik id-data kemm-il darba jissodisfa tlett kundizzjonijiet hemm imsemmija. Ma kien hemm ebda kundizzjoni ohra u ghalhekk l-Awtorita intrabtet li tirregistra l-vann sas-6 ta' April 2009 jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ittra jigu sodisfatti. Jirrizulta mill-provi illi qabel gheluq ix-xahar l-attur kien issodisfa l-kundizzjonijiet biex jirregistra l-vann pero meta mar jirregistrah fl-1 ta' April 2009 ir-registrazzjoni ma saritx ghax l-Awtorita keinet irceviet direttiva li tiffriza l-ipprocessar tar-registrazzjonijiet.

Il-Qorti tqis illi l-attur ghandu ragun fil-mertu tal-azzjoni tieghu. L-Awtorita kienet ikkonmettiet ruhha mal-attur u ohrajn bhalu li tirregistralu l-vann tail lift entro xahar mis-6 ta' Marzu 2009. Ma setghetx tirrinega impunement minn dan il-ftehim li ta bidu fis-sehh ghalih l-attur billi ghamel dak mitlub minnu u gie approvat ghar-registrazzjoni. Ir-raguni ghaliex ir-registrazzjoni ma sehhitx kienet ghax kien hemm

ripensament fuq il-policy li kellha tigi segwita. Dan hu kollu sew u l-Qorti tqis li ghalkemm l-Awtorita ghandha d-diskrezzjoni li taghmel u tbiddel policies, pero jrid jitqies it-thaddim ta' tali diskrezzjoni u r-ragonevolezza taghha. Il-Qorti tqis li la darba l-Awtorita kienet tat dritt lil attur soggett ghal kundizzjonijiet u terminu u l-attur ottempera ruhu mal-kundizzjonijiet fit-terminu moghti, l-Awtorita ma setghetx tirtira minnu ghax kellha ripensament iktar u iktar meta ex admissis kienu lahqu inhargu xi permessi ta' terzi qabel ma gew frizati l-bqija tal-vetturi li kienu ghadhom ma lahqux gew registrati. Indikattiv tan-nuqqas tal-istess Awtorita hu illi sentejn wara hi stess avvicinat lil attur biex tirregistralu l-vettura wara lment mal-Ombudsman minn terzi fuq l-istess kwistjoni.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Vincianne Mifsud vs Direttur tal-Edukazzjoni et** (PA 28/02/2019) fejn intqal hekk:

> Illi l-Qorti tifhem li ladarba ezercizzju bhal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, ghall-finijiet ta' stharrig gudizzjarju, tippermetti li l-persuna moghnija b'dik is-setgha diskrezzjonali (f'dan il-kaz, il-Bord) ma tkunx marbuta mal-elementi oggettivi ghall-formazzjoni tal-hsieb taghha, li huwa fdat ghall-prudenza suggettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soggettiv (App. Civ. 30.11.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana, Kollez. Vol: LXXVII.ii.376). Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-ligi li tawtorizzaha, b'mod ragonevoli, b'ekwita u haqq (App. Civ. 21.4.1961 fil-kawza fl-ismijiet Masini noe vs Podesta noe, Kollez. Vol: XLV.i.110) u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni (App. Inf. PS 26.2.2010 fil-kawza fl-ismijiet Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji);

Id-diskrezzjoni tal-Awtorita li tiffriza registrazzjoni pendenti fejn kienet gia kommessa u promessa intuzat b'mod hazin u ghal ghan li ma jistax jitqies xieraq fic-cirkostanzi. In oltre l-agir kien diskriminatorju fil-konfront tal-attur meta haddiehor fl-istess pozizzjoni tieghu kellu l-van tieghu registrat. Ir-ripensament fuq dak li ipprometta li jaghmel mhix raguni tajba u decizjoni ragonevoli li ittiehdet mill-amministrazzjoni. Illum ma hemmx lok li l-agir tal-Ministru jigi mhassar ghax l-attur inghata r-registrazzjoni ghalkemm sentejn wara pero jibqghalu d-dritt li taghti l-istess ligi ghad-danni li hu sofra minhabba dan l-agir, kif talab hu stess.

L-attur isostni li fis-sentejn li ma setghax jutilizza l-vann ghax ma kellux licenzja hu tilef introjtu mill-kiri tieghu biex jingarru persuni b'dizabilita. Hu pero ma ressaq ebda prova tax-xoghol li kellu u dak prospettiv li ntilef minhabba li ma kellux vetturi biex

juza ghall-iskop ta' garr ta' persuni b'dizabilita. Invece hu gab bhala prova zewg dokumenti JB1 u JB2 li juru rati ta' kiri ta' vann tail lift lil kumpanija ohra. Din turi rati ta' kiri pero ma tfissirx kemm l-attur kien ser ikollu kiri tal-vann tieghu u l-frekwenza tal-istess kiri, kif lanqas gab prova li kellu xi prospett ta' kiri gia miftehma jew li ghamel xi arrangamenti ohra biex ma jitlifx il-kiri u inkorra xi spejjez jew pizijiet zejda. Lanqas gab prova li hu kien gie jahdem b'van simili u kellu prospett ta' kirijiet ohra. Hu jsostni biss li tilef €40,000 bla ebda spjegazzjoni ulterjuri.

Hu minnu li f'certi cirkostanzi hu difficli tipprova bi precizjoni t-telf u hu fdat f'idejn il-Qorti taghti kumpens arbitrio u boni viri. Kif qalet pero l-Qorti fil-kaz **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Company Limited** (PA 13/10/2004):

> Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju talvalutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq listregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato";
>
> Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f' dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata middmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika talkriterji ta' l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur. Ara f' dan issens u fuq dan il-punt id-decizjoni riportata a Vol. XXIX P I p 1285;

Il-Qorti, wara li qieset il-fatti kollha tikkunsidra li filwaqt li certament l-attur tilef dhul tul is-sentejn li dam jistenna l-licenzja, pero mill-banda l-ohra ma ingibitx prova konvincenti tat-telf ta' qliegh u ghalhekk fic-cirkostanzi ghalhekk arbitrio u boni viri l-Qorti qed tillikwida kumpens favur l-attur ta' €5,000.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil Awtorita konvenuta thallas is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) in linea ta' danni.

Spejjez ghall-Awtorita konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat  Registratur